MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 2725/1997/1

**Mid-Med Bank u b'nota tal-13/1/98 l-isem tal-Bank attur issa huwa Mid-Med Bank plc u b'nota tal-24 ta' Novembru 1999 isem il-bank attur sar HSBC Bank Malta plc.**

**vs**

**Joecar Limited bhala debitrici principali flimkien ma' Joseph Pace u martu Carmen Pace, Brittannia Catering Co. Limited, STG Limited, Vivienne Limited, Josette Limited, Louis Scicluna u Vivienne Scicluna, u Anton Spiteri u Josette Spiteri ilkoll bhala garanti solidali**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni tal-bank attur fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' konvenuta Joecar Limited hija debitrici tieghu fis-somma ta' sitt mija hamsa u ghoxrin elf mija u wiehed u tmenin lira u sitta u disghin centezmu flus maltin (Lm625,181.96), liema somma hija dovuta lill-istess bank in konnnessjoni ma' flus mislufa mill-bank u dana oltre l-imghaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mit-22 ta' Settembru 1997 kif jidher mill-istatements esibiti bhal Dok.A u Dok.B.

Illi l-konvenuti l-ohra kollha ikkostitwew ruhhom bhala garanti solidali mal-konvenuta Joecar Limited ghall-hlas tad-debitu taghha lejn il-bank attur kif jidher mill-kopji tal-garanziji relattivi Dok.D sa Dok.J u dana sas-somma ta' seba' mija u tletin elf lira maltin (Lm730,000) oltre l-imghaxijiet.

Illi l-bank attur zamm id-dritt li titlob il-pagament tal-ammont kollu dovut jew ta' parti minnu “on demand.”

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati jhallsu l-kapital u l-imghaxijiet minnhom dovuti baqghu inadempjenti.

Illi jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega biex jigi dispensat is-smigh a tenur ta' l-Artiklu 167 et seq tal-Kap.12 u dana in vista tal-affidavit Dok.X.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandiex:

1. Tordna li l-kawza ghandha ssir bid-dispensa tas-smigh.

2. Tikkundanna is-socjeta' konvenuta Joecar Limited bahal debitrici principali thallas lill-bank attur is-somma ta' erba' mitt elf lira maltin (Lm400,000) bhala parti minn ammont akbar dovut fuq self lilha moghti u dna oltre l-imghaxijiet annwi bit-tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont b'effett mit-22 ta' Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

u 3. Tikkundanna l-konvenuti l-ohra kollha solidalment mal-konvenuta Joecar Limited ihallsu s-somma ta' erba' mitt elf lira (Lm400,000) oltre l-imghaxijiet bit-tmienja fil-

mija (8%) fis-sena fuq dan l-ammont b'effetti mit-22 ta' Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ukoll inugnti ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta' attrici li tipprocedi fuq ir-rimanenti bilanc dovut mill-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat l-affidavit tal-Pokuratur Legali Adrian Borg presentat mill-bank attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijeit tal-konvenuti fejn gie eccepit:-

1) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-somma mitluba mhiex korretta kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

2) Illi subordinatament il-garanti solidali ghandhom jigu mehlusa mill-obbligi taghhom stante li huma ggarantew id-debitu ta' Joecar Limited permezz ta' kuntratt atti Joseph Vassallo Agius tat-30 ta' Awissu 1995 (dok A) u taht kundizzjonijiet li ma gewx rispettati mill-istess bank.

3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit il-garanti ghandhom jigu mehlusa mill-obbligi taghhom u liberati mill-osservanza tal-gudizzju ai termini tal-artikolu 1959 tal-Kap 16 stante li minhabba l-agir tal-bank mhux possibli li ssir is-surroga favurihom f' kaz ta' pagament.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta tat-12 ta’ Diċembru 1997.

Rat l-affidavits ta’ Marco Micallef u ta’ George Pace poresentati mill-bank attur.

Semghet lix-xhieda Godfrey Galea u Francis Gouder prodotti mill-Bank attur.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-bank attur.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri tal-bank attur.

Rat il-provediment taghha tal-20 ta' Frar 2001 li bih gietr michuda talba tas-soicjeta konvenuta sabiex jigu sfilzati dokumenti prodotti mill-bank attur stante li l-ġbir tal-istess provi ma segwix il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-kap 377 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet xhieda prodotti mis-socjeta konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita biex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Il-presenti kawża giet trattata flimkien il-kawża citazzjoni numru 2458/00 u, in vista tal-mertu kemm tal-presenti procedura kif ukoll fl-imsemmija proceduri l-ohra, ghalhekk il-konsiderazzjonijiet kollha li qed isiru fil-presenti proceduri ghandhom japplikaw ghall-imsemmija citazzjoni numru 2458/00.

Il-bank attur jippretendi li s-soċjetà konvenuta Joe Car Ltd hija debitriċi tiegħu fis-somma ta' liri maltin 625.181.96, liema somma tirrappresenta ammont misluf mill-istess bank attur lill-istess socjeta konvenuta. Il-Bank attur isostni ukoll li l-konvenuti l-ohra kollha huma responsabbli ghall-hlas ta' parti mill-imsemmija somma peress li huma ggarantaw solidalment mas-socjeta' konvenuta il-hlas lura tal-istess parti mill-ammont kollu misluf lis-socjeta' konvenuta. In sostenn ta' dawn il-pretensjonijiet il-bank attur ipproducja prospett (Dok.A - fol 5) li juri fid-dettall l-istess pretensjonijiet tal-bank attur ghall-perijodu mill-31 ta' Jannar 1995 sal-21 ta' Marzu 1997 ghar-rigward tal-kont bankarju numru 061927441 f'isem is-socjeta;'

konvenuta u prospett  bankarju iehor (fol.6) li jkopri l-perjodu mill-25 ta' Jannar sal-21 ta' Marzu 1997 ghar-rigward tal-kont bankarju 061927468 ukoll f'isem is-socjeta' konvenuta. Il-bank attur ukoll ippresenta kopja tal-kuntratt ta' self in kwestjoni bid-data tat-30 ta' Awwissu 1995. Jirruizulta ukoll li ghar-rigward tal-imsemmija kontijiet bankarji numru 061927468 u numru 061927441 li f'certu data l-bilanc li kien ghadu dovut mis-soċjeta' konvenuta kien ta' Lm 31, 277.44 u ta' Lm 489,732.3 rispettivament fl-imsemmija kontijiet bankarji.

Mill-provi prodotti mil-bank attur, anke minn provi ohra prodotti f'kawzi ohra li gew trattati kontestwalment mal-presenti proceduri, it-talbiet tal-bank attur jirrizultaw sufficjentement pruvati. Jigi notat li l-ammont indikat fit-talba fic-citazzjoni ma jkoprix l-ammont kollu li hu effettivament dovut mis-socjeta konvenuta. It-talba hi biss ghall-parti mill-ammont kollu dovut u effettivament l-ammont mitlub jirrizulta li hu dovut.  It-talba tirrizulta ukoll sufficjentement fil-konfront tal-konvenuti l-ohra kollha li ggarantaw solidalment mas-socjeta konvenuta l-ammont li hu indikat fit-talbiet. Jirrizulta li din il-garanzija mogħtija mill-konvenuti hi garanzija ġenerali u mhux marbuta ma' xi kont partikolari u cioe' hi garanzija li tissejjah "a countinuing security" (Vide sentenza takl-Qorti Civili, Prim Awla tas-6 ta' April 2009 fil-kawza fl-ismijiet "HSBC Bank Malta PLC vs Martha Ciantar." Mill-garanziji li gew esibiti jirriżulta li l-konvenuti l-ohra kollha obbilgaw ruhhom li jaghmlu tajjeb għad-dejn tas-socjeta' konvenuta solidalment mal-istess socjeta'.

Il-pretensjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li tnaqqset mill-kontijiet bankarji in kwestjoni kreditu ta'somma ta' flus, cioe' circa Lm140,000 minghajr ebda raguni jew awtorizzazzjoni, ma gietx sufficjentement pruvata. Is-socjeta' konvenuta naqset li tipprova mill-liema kont gew nieqsa dawn l-ammonti u inoltre minn xehed dwar din il-pretensjoni ma kien cert u lanqas ma kien car dwar din il-pretensjoni. Jirrizulta ukoll li qatt ma sar ilment f'dan ir-rigward mis-socjeta' konvenuta. Inoltre jirrizulta kull meta kien isir xi moviment fil-kontijiet in kwestjoni kien jintbaghat rendikont lill-istess socjeta' konvenuta u qatt ma

sar xi reklam min-naha tal-istess socjeta' konvenuta li xi addebitu ma kienx awtorizzat. Kwindi l-imsemmija pretensjoni tas-socjeta' konvenuta bl-ebda mod ma giet pruvata.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet eċċezzjoni ma saret ebda prova u ghalhekk l-istess eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

In vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti peress li jirrizultaw b'mod sufficjenti filwaqt li l-eccezzjjonijiet kollha tal-konvenuti ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u fit-tieni lok tlqa t-talbiet atrtrici u tikkundanna is-socjeta' konvenuta Joecar Limited bahal debitrici principali thallas lill-bank attur is-somma ta' erba' mitt elf lira maltin (Lm400,000) jew disa' mija u wiehed u tletin elf u seba' mija u disgha u erbghin euro u sitta u tletin centezmu (€ 931,749.36) rappresentanti parti minn ammont akbar dovut fuq self lilha moghti u dna oltre l-imghaxijiet annwi bit-tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont b'effett mit-22 ta' Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv u tikkundanna l-konvenuti l-ohra kollha solidalment mas-socjeta konvenuta ihallsu l-istess somma ta' erba' mitt elf lira (Lm400,000) jew disa' mija u wiehed u tletin elf u seba' mija u disgha u erbghin euro u sitta u tletin centezmu (€ 931,749.36) oltre l-imghaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dan l-uistess ammont b'effett mit-22 ta' Settembru 1997 sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti u minghajr pregudizzju ghad-dritt tas-socjeta' attrici li tipprocedi fuq ir-rimanenti bilanc dovut mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------